MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Numru. 241/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovitch Muscat]**

**vs**

**Timothy Gauci**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Timothy Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 480176 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fid-9 ta’ Gunju 2008 jew fil-jiem ta’ qabel,

a. Irrendejt ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

b. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

c. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Gunju 2008, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

d. Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa ddikjara li mhuwiex hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat mix-xhieda tal-Ispettur Antonovitch Muscat hareg illi l-imputat kien irrapporta li kienet intilfitlu l-licenzja tas-sewqan fi Frar 2008, u ghal dan il-ghan kien ghamel rapport. Harget ukoll illi sabiex isostni dan, l-imputat kien ghamel affidavit mal-ADT illi huwa kien tilef il-licenzja Category B (u cioe` karozzi privati) kif juri Dok AM6, izda

sussegwentement, ghal xi raguni injota, inhargulu kategoriji ohrajn. Illi fuq mistoqsija ghaliex il-pulizija harget charges fuq l-imputat, l-Ispettur Muscat stqarr li minn investigazzonijiet fir-records tal-ADT, ma hargu l-ebda kategoriji ohrajn hlief dik tal-kategorija B.

Illi mill-assjem tal-provi dak li hareg kwazi b'certezza illi l-imputat kellu biss l-licenzja b'kategorija B qabel ma allegatament insterqitlu l-licenzja u dan din il-fatt jaqbel mal-fatt kontenut fl-affidavit AM6, li l-imputat gharaf il-firma tieghu fuqu illi dak li kien tilef kien biss dik tal-kategorija B.

Izda sfortunatament ghalkemm kollox jinduci kontra l-imputat fejn kif qal l-Ispettur Prosekutur, li hareg l-akkuzi ghax kien moralment konvint fuqhom, dan mhux bizzejjed.

Il-provi migjuba fuq l-akkuza kollha tant huma skarsi li huma mankanti minn certi aspetti principali ta' reat bhal per ezempju l-*mens rea* tal-imputat huma mankanti wkoll ta' certu attivitajiet mill-imputat ma' terzi persuni sabiex tigi ppruvata l-komplicita`.

Illi a rigward tal-akkuza (d) hemm ukoll nuqqas ta' provi stante illi Mandy Carbone ma xehditx peress illi ma rieditx tinkrimina ruhha.

Illi ghalhekk, thoss illi l-akkuzi kontra l-imputat ma gewx ippruvati u ghalhekk qeghda tillibera lill-imputat minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------